**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**V**

## MARCO CAMILLERI

**Illum, 18 ta' Frar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARCO CAMILLERI** ta' wiehed u tletin sena bin Paul u Teresa nee Caruana imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju, 1969 u joqghod 13, Flat 14, Triq Felix, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 297069M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru, 2000 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar fil-Belt Valletta;

1. Kkaguna griehi ta' natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta' Maria Camilleri mill-Belt Valletta skond kif ccertifika Doctor M. Debono MD fl-isptar San Luqa;
2. Talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 782 tal-marka Lada Samara b'manjiera perikoluza u traskurata u b'giri aktar milli jmissu;
3. Talli voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
4. Talli qal kliem indicenti u oxxen fil-pubbliku liema kliem kien jikkonsisti f'dagha;
5. Talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mary Camilleri skond kif ccertifika Doctor S. Vella MD fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana; u
6. Talli hebb ghall-imsemmija Mary Camilleri u Sabrina Camilleri sabiex jinsulenthom, jwegghahom jew jaghmlilhom hsara.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 226, 338(dd), 338(bb), 342, 221(1) u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(2),

18(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet, l-MVR 127 u l-Avviz Legali numru 129/1994.

Rat d-dokumenti kopllha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta' Marzu, 2001 esibit fl-atti u markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz ttieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif registrat fl-atti fis-seduta tal-hdax ta' Frar, 2002 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi addebitati lilu.

Dwar piena il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat esibita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH 1 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghandu biss reat wiehed registrat fuqha li sehh fis-

sena 1984 meta nstab hati ta' reati naxxenti mill-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Ordinanza dwar t-Traffiku.

Rat li l-feriti subiti mill-vittma Mary Camilleri huma ta' natura hafifa kif jirrizulta mic-certifikat esibit fl-atti u mmarkata bhala dokument PC 1 rilaxxjat minn Doctor S. Vella.

Rat wkoll l-istqarrija tal-istess imputat rilaxxjata nhar l-hamsa ta' Marzu, 2001 esibita fl-atti w mmarkata bhala dokument PC 2. Minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u spjiega kif sehh l-incident, liema stqarrija ghenet sabiex sahhet il-kaz tal-Prosekuzzjoni.

Illi **l-Qorti** ma thossx li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija u **ghalhekk fic-cirkostanzi qed tikkundanna lil imputat MARCO CAMILLERI ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat MARCO CAMILLERI jigi skwalifikat**

**mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tlett xhur mill-lum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**